**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Frar, 2018

Rikors Nru : 280/17 AL

**AB**
**U**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu jippremettew :

Illi l-partijiet izzewwgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (liema certifikat taz-zwieg hu hawn anness bhala Dok. "A") u minn dan iz-zwieg twieled tifel, Larson fis-seba u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009);

Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall datat l-ghoxrin (20) t'April tas-sena elfejn u hmistax (2015) (hawn anness u mmarkat bhala Dok. "B") u dan wara li gew awtorizzati permezz ta' digriet moghti mill-

Onorabbli Qorti tal-Familja datat tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015);

Illi l-partijiet iddekadew mid-dritt li jiricievu l-manteniment, liema rinunzja tibqa valida anke jekk ikun hemm bdil fic-cirkostanzi rispettivi tal-partijiet.

Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin minn Frar 2012 u ma hemm l-ebda lok ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi dawn il-fatti kif hawn fuq elenkati u kkonfermati fl-affidavit taz-zewg esponenti liema affidavits qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. "C" u Dok. "D", jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 668 tal-Kodici (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talbu li din il- Qorti :

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fiz-zmien li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tistabilixxi, jirregistra d-divorzju fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Awwissu, 2017;

Rat l-affidavits bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-20 ta' April 2015 u de facto separati minn Frar 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.